# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 3/2009 PC**

**Josette Bugeja**

**vs**

**Citadel Insurance plc;**
**Joseph Fenech;**
**u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2015 ġie**
**kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

**Illum il-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi permezz ta' sentenza (award) mogħtija miċ-ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ fl ismijiet Citadel Insurance Plc u Joseph Fenech versu Josette Bugeja fl-avviż Arbitraġġ numru 1157/2007 deċiża fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-attriċi ġiet dikjarata unikament responsabli minn inċident awtomobilistiku li seħħ ġewwa Triq l-Universitas kantuniera ma Triq Fortuna Mizzi nhar it-18 ta' Novembru 2006 bejn il-vettura misjuqa minnha bin-numru KBL 827 u dik bin-numru PIO 166 misjuqa minn Joseph Fenech u konsegwentament kkundannata tħallas is-somma ta' erba mija u tnejn u tmenin Ewro u ċenteżmu (€482.01ċ) bl-imgħax legali u l-ispejjes skond kif dikjarat fl-istess sentenza;

2. Illi tul l-proċeduri kollha l-imsemmija Josette Bugeja ġie allegat illi tgħix fl indirizz fl-indirizz 76, Main street, Xewkija, Għawdex u fil-fatt in-notifiki kollha nkluża n-notifika bil-publikazzjoni saret f'dak l-indirizz. Fil-fatt dik li suppost kienet notifika bil-publikazzjoni saret b'referenza għal dak l-indirizz;

3. Illi l-attriċi ma kinetx tgħix f'dak l-indirizz fiż-żmien tal-kawża, iżda kienet għexet f'dak l-inidirzz għal żmien limitat qabel ma isseparat u telqet tgħix banda oħra. Fil-fatt anke żewġha ma baqax jgħix aktar hemm wara s-separazzjoni;

4. Illi riċentament il-konvenut prova jesegwixxi dik is-sentenza, fejn beda jinnotifika lil attriċi bil-kommuniki tiegħu fl-indirizz proprja tagħha ċioe Franviv B, Triq Profs. Guze Aquilina, Munxar, Għawdex, li juri li l-konvenuti kien jafu minn dejjem l-indirizz proprju tagħha, iżda konvenjentament matul il-proċeduri quddiem it-tribunal għażlu li jużaw inidirzz ieħor, liema indirizz kien ukoll dak użat fin-notifika bil-pubblikazzjoni;

5. Illi l-attirici qatt ma kienet notifkata b'dak l-avviż fuq imsemmi jew bl-avviż għas-smigħ, stante illi n-notifiki kienu qed imorru fl-inidirizz żbaljat, kif ukoll in-notifika bil-pubblikazzjoni kienet żbaljata stante li ukoll kienet qed tirreferi għal persuna b'indirizz li mhux dak ta' l-attriċi;

6. Oltre minn dan fin-notifika il-pubblikazzjoni ngħataw biss l-isem ta' l-intimata u dan l-indirizz żbaljat. Aktar dettalji ma ngħatawx;

7. Illi oltre dan, iż-zewġt notifiki li saru bil-pubblikazzjoni huma żbaljati stante illi ma jagħtux deskrizzjoni tat-talba fil-konfront ta' l-attriċi u l-anqas jagħtu d-data ta' l-appuntament li jmiss;

8. Illi l-attriċi saret taf b'dawn il-proċeduri permezz ta' ittra tat-3 ta' Novembru 2008 mibgħuta minn Citadel Insurance, u qatt qabel ma kienet taf b'dawn il proċeduri;

9. Illi għalhekk din is-sentenza ma tistax tagħmel stat fil-konfront ta' l-attriċi;

10. Illi l-attriċi tħoss illi dik is-sentenza li a bażi tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni fuq ħwejjiġa, meta hija ma kelliex l-opportunita tikkontesta l-istess talba tikkostitwixxi nuqqas ta' smiegħ xieraq;

11. Illi dan ir-rikors qed jiġi kkonfermat bil-ġurmanet minn l-attriċi Josette Bugeja li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq premessi illi is-sentenza (award) mogħtija miċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ fl-ismijiet Citadel Insurance Plc u Joseph Fenech versu Josette Bugeja fl-avviż Arbitraġġ numru 1157/2007 deċiża fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), ma tagħmel l-ebda stat fil-konfront ta' l-attriċi stante illi hi qatt ma ġiet notifikata validament bl-istess proċeduri u oltre minn dan anke li kieku kien il-każ, in-notfika bil-pubblikazzjoni hija waħda ħażina fis-sens kif fuq spjegat;

2. Konsegwentament tordna illi l-imsemmija proċeduri jiġu dikjarati nulli u bla effett;

3. Tagħti dawk l-ordnijiet oħra li jidrilha opportun fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjes kollha nkluża VAT kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi, fl-ewwel lok, l-attriċi għandha tindika n-natura tal-azzjoni tagħha in kwantu mir-rikors ġuramantat preżentat minnha jidher illi hija qiegħdha tipprova tottjeni dikjarazzjoni li lodo arbitrali li llum jikkostitwixxi titolu eżekuttiv huwa null u ineffettiv fil-konfront tagħha. Jirriżulta, mill-istess rikors puramentat u wkoll mit-talbiet kontenuti fl-istess, illi l-azzjoni intentata ma tikkostitwixxix la appell mill-istess lodo arbitrali, lanqas kawża għar-ritrattazzjoni u lanqas rikors kostituzzjonali u kwindi ma tistax tirnexxi;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ illi jirriżulta li l-azzjoni intentata mill-attriċi hija waħda ta' natura kostituzzjonali, lanqas ma tista l-attriċi tirnexxi fl-azzjoni tagħha peress illi din l-Onorabbli Qorti m'hijiex dik kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi tali talbiet;

3. Illi fi kwalunkwe każ u wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi għandha qabel xejn tipprova illi eżawriet ir-rimedji kollha ordinarji disponibbli għaliha skond il-liġi;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu, għandu jirriżulta illi l-esponenti effettwaw fil-konfront tal-attriċi notifika valida tal-atti kollha ta' arbitraġġ fl-indirizz mogħti minnha stess lill-gwardjani lokali dakinhar tal-inċident u dan kif teħtieġ il-liġi. Illi wkoll in-notifiki li saru permezz tal-pubblikażżjonijiet relattivi saru skond kif teħtieġ il-liġi;

5. Illi fi kwalunkwe każ ma kien hemm ebda ksur ta' ebda dritt appartenenti lil jew pretiż mill-attriċi;

*6.* Illi fi kwalunwke każ il-lodo arbitrali in kwantu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv huwa validu u effettiv fil-konfront tal-partijiet kollha fl-istess arbitraġġ inkluża l-attriċi, dan skond il-massima *'res judicata pro veritate habetur';*

7. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

9. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Rat ir-referenza kostituzzjonali li saret lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju 2013 u li kienet taqra hekk:

*"Il-Qorti, b'referenza ghar-rikors tal-attrici tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013), in vista tad-deposizzjoni tar-rapprezentanta tac-Centru ta' Malta ghall-Arbitragg tal-hamsa ta' Frar 2013, u peress illi jista' jaghti l-kaz illi l-mod kif jigu notifikati l-atti lil persuna li tkun giet imharrka biex tirrispondi ghal kawza quddiem ic-Centru tal-Arbitragg jista' jaghti lok ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq in vista tal-fatt li tali persuna mhux necessarjament tkun saret taf bil-kawza permezz ta' notifika li tkun saret f'wahda mill-gazzetti lokali u dan sabiex tigbor l-atti tal-kawza li tkun infethet kontra taghha. Billi ghalhekk jista' jaghti lok illi tali mezz ta' notifika jista' jivvjola l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 sub-inciz (1) tal-ewwel skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Taghmel referenza Kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex din tiddecidi dwar il-kwstjoni jekk in-notifika ta' atti ta' kawza li tkun giet prezentata quddiem ic-Centru tal-Arbitragg lill-kontro-parti permezz ta' pubblikazzojni fuq gazzetta lokali tivvjolax l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 6 sub-inciz (1) tal-ewwel skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.*" [1]

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar din ir-referenza kostituzzjonali.

Semgħet il-provi prodotti.

Rat l-affidavits u dokumenti oħra annessi mar-Rikors u esebiti.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2019 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet tad-difensuri rispettivi.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed tittenta tikseb dikjarazzjoni ta' nullita' ta' lodo taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ li kien sabha ħatja ta' kolliżżjoni stradali li fiha kienet ġarrbet xi danni l-vettura tal-konvenut Joseph Fenech li kien assikurat mas-soċjeta' konvenuta Citadel Insurance plc.[2] Hija tallega li qatt ma kienet ġiet notifikata validament bil-kawża quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ u dik il-kawża inqatgħet mingħajr ma kellha l-opportunita' tiddefendi ruħha.

Fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, l-attriċi talbet li ssir referenza kostituzzjonali minn din il-Qorti lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sede Kostituzzjonali biex jiġi investigat u deċiż jekk notifika li tkun saret lill-intimat b'kawża kontrih quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ b'sempliċi avviż f'waħda mill-gazzetti lokali tiksirx id-dritt fundamentali tal-bniedem tal-*audi alteram partem* sancit sew mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tagħmel parti wkoll mil-liġijiet ta' Malta (Kap. 319).

[1] Ara digriet ta' din il-Qorti tal-25.06.2013 a fol. 192 tal-proċessl;
[2] Ara kopja ta' dan il-lodo esebit bħala Dok. A a fol. 7 – 10 tal-proċess;

Permezz tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Ottubru 2016 il-Prim' Awla sede Kostituzzjonali ddeċidiet li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem bil-mod kif issir in-notifika lill-konvenut bil-preżentata ta' kawża kontra tiegħu quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ.[3] Fil-każ in eżami l-attriċi kienet ġiet notifikata bil-kawża li kienet saret kontra tagħha permezz ta' avviż fil-gazzetta "in-Nazzjon" tat-3 ta' Awwissu 2007, liema avviż kien jaqra:

"**Ai termini ta' Regola 20(2) tar-Regoli ta' l-2004 dwar l-Arbitragg (Avviz Legali 421 ta' l-2004), qieghed jigi ddikjarat li l-Avviz ta' l-Arbitragg fir-rigward tal-Kaz ta' Arbitragg Numru M1157-2007 gie depozitat fir-Registru tac-Centru. L-imsemmi Avviz ta' l-Arbitragg jista' jingabar mis-sinjur Josette Bugeja ta' 76 Main Street, Xewkija, Ghawdex.**

**Skond l-imsemmija Regola 20(2), l-Avviz ta' l-Arbitragg ghandu jitqies bhal li jkun gie ricevut mis-sinjura Josette Bugeja hamest ijiem tax-xoghol wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviz.**

**Illum 2 ta' Awissu 2007.**

**Fiona Farrugia**

**Agent Registratur, Centru Malti ta' l-Arbitragg**."

Issa fil-kawża presenti l-attriċi qed tilmenta li hija ma ġietx validament notifikata għaliex fid-data li nħareġ dan l-avviż hija ma kenitx għadha tirrisjedi fl-indirizz indikat fl-istess avviż. Imma skont l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Arbitraġġ:

"**kull avviz, inkluz notifikazzjoni, komunika jew proposta, ghandhom jitqiesu li jkunu gew ricevuti jekk dawn ikunu personalment twasslu ghand min kienu ndirizzati jew jekk ikunu twasslu fl-indirizz fejn soltu joqghod, fond kummercjali jew indirizz postali, jew, jekk ebda wiehed minn dawn ma jkun jista' jinstab wara li jkun sar stharrig ragonevoli, fl-ahhar indirizz residenzjali jew kummercjali maghruf**."

L-aħħar indirizz magħruf tal-attriċi, sakemm ġiet intavolata l-kawża kontestata quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, kien dak li kienet tat hija stess lill-gwardjan lokali li kien issejjaħ fuq il-post in segwitu għall-kollizjoni li fiha kienet involuta l-attriċi u l-konvenut Fenech.[4] Terġa' l-liġi stess lanqas tobbliga liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jindika l-indirizz tal-persuna msejħa biex twieġeb għall-kawża li tkun ġiet intavolta quddiemu fl-avviż li joħroġ f'gazzetta lokali,[5] għalkemm fil-każ in eżami dan sar ukoll.

[3] Ara kopja ta' din is-sentenza esebita bħala Dok. C 1a fol. 346 – 367 tal-proċess.
[4] Ara affidavit tal-avukat dottor Philippa Taylor East tas-26.06.2018 a fol. 387 tal-proċess;
[5] Ara Regolament 20 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01.

In vista għalhekk tas-sentenza tal-Prim' Awla hawn fuq ċitata, fejn ġie dikjarat li m'hemm l-ebda ksur tad-dritt fundmentali ta' smiegħ xieraq bil-mod kif issir in-notifika ta' kawża quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, u ġialadarba n-notifika tal-attriċi presenti saret bil-modalitajiet tal-proċedura indikati fil-ligi li tirregola l-istess Ċentru, din il-Qorti għandha jdejha marbuta u ma tistax ħlief tiddikjara li l-ilmenti tal-attriċi mhumiex ġustifikati.

Għaldaqstant, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

L-ispejjeż tas-sentenza fir-referenza kostituzzjonali jibqgħu kif deċiżi fl-istess sentenza.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

11.10.2019 – Sup3.2009 – Bugeja Josette vs Citadel Insurance plc et
1653